# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 549/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Amanda Gauci**

Seduta tal-4 ta' Marzu, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanta, Amanda Gauci, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 008481M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli mix-xahar ta' Frar 2016 sa Gunju 2016 fil-Gzejjer Maltin;

1. Naqset li taghti lil Joe Galea, is-somma ta' €500, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedha u/jew zewgha, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 ta' Novembru, 2016 li biha sabet lill-

imsemmija imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannata ghal xaghrejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanta Amanda Gauci, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Novembru, 2016, li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata in kwantu tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanta hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha izda thassarha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti;

2. Illi permezz ta' nota pprezentata mill-partijiet fil-5 ta' Frar, 2019 din il-Qorti kienet infurmata illi l-appellanta ghaddiet l-arretrati lill-parti civile, liema pagament ghalaq il-vertenzi kollha pendenti bejniethom.

3. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut ;

4. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi biss, din il-Qorti, qed tilqa' l-appell u ghalhekk taghzel illi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellanta hatja tal-imputazzjoni tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatha ghal-terminu ta' xaghrejn detenzjoni u minflok tikkundannaha ghal-twiddiba;